MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1132/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmel Vella Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Lulju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Awissu, 2000, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm496) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' hsarat fuq cables appartenenti lis-socjeta' attrici, fi Triq l-

Ingilterra, Naxxar, f' Lulju, tal-1999, u dan kif jidher mill-propett aness u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-avviz, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kollha peress illi meta saru x-xogholijiet fit-triq indikata fl-avviz, kien hemm il-permessi kollha relattivi ghall-istess xogholijiet u fil-fatt rapprezentanti tal-Maltacom plc kienu ndikaw minn fejn kienu ghaddejjin il-cables taghha u l-fond taht il-levell tat-triq, pero' meta effettivament saru x-xogholijiet instab, bhala stat ta' fatt, illi kien hemm cables mhux indikati kif suppost, b'dan illi r-responsabbilta' tal-hsara ma jista' qatt jigi attribwit lis-socjeta' konvenuta, anzi jinghad illi kienet is-socjeta' attrici stess li agixxiet b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni li seta' holoq anke periklu serju ghall-istess haddiema tas-socjeta' konvenuta;

2. Fit-tieni lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-ammont riklamat mill-Korporazzjoni attrici huwa wiehed esagerat;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Korporazzjoni attrici li giet ngunta ghas-subizzjoni

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi f'Lulju, 1999, s-socjeta' konvenuta kienet inghatat appalt mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar sabiex thaffer trinek f'diversi toroq fil-lokal sabiex isiru xi

xogholijiet.  Fost dawn it-toroq kien hemm Triq l-Ingilterra li minnha kienu ghaddejjin *cables* tas-socjeta' attrici. Waqt ix-xogholijiet, saret xi forma ta' *pressure* bl-ingenji fuq il-*cables* u giet kawzata hsara, liema hsara ma mmanifestatx ruhha qabel Settembru, 1999.  Pero', meta saru t-tiswijiet irrizulta illi l-hsarat kienu kawzati direttament minn xogholijiet illi kienet ghamlet is-socjeta' konvenuta.  Fuq dan m'hemmx kontestazzjoni.

Is-socjeta' konvenuta, pero' qeda tghid, illi minkejja illi ottjeniet il-permessi kollha, n-nies tal-Maltacom ma mmarkawx sewwa l-*cables* illi kien hemm taht l-art.  Tant hu hekk, illi huma haffru skond id-direzzjonijiet moghtija izda l-*cables* dbewwqu f'post mhux mistenni u b'hekk graw il-hsarat.  Minn naha l-ohra rrizulta illi meta s-socjeta' konvenuta applikat ghall-permessi necessarji ma nkludietx Triq l-Ingilterra fil-lista tat-toroq illi fihom kienu ser isiru x-xogholijiet.

Victor Busutil ghan-nom tas-socjeta' attrici xehed a fol. 16, li fi Frar ta' l-1999, is-socjeta' Carmel Vella Limited applikat sabiex taghmel xi xogholijiet fin-Naxxar. Intbaghtu n-nies sabiex jimmarkaw il-*cables* fit-toroq indikati.  F'Settembru ta' l-1999, gie rapporat lis-socjeta' attrici li kien hemm xi hsarat fit-*telephones*.  Irrizulta illi dawn il-hsarat kienu kawza diretta tax-xogholijiet tas-socjeta' konvenuta.

Il-Qorti jidhrilha illi minkejja illi jista' jkun minnu illi l-*cables* ma gewx immarkati sew, jew inkella illi f'post minnhom il-*cable* dbewwaq b'mod illi gie ezatt taht it-trinka illi kienet qed taghmel is-socjeta' konvenuta, l-fatt illi fil-permess ma gietx jinkludi Triq l-Ingilterra huwa fatt determinanti u mportanti illi affettwa direttament id-drittijiet tal-partijiet.

Il-Qorti hawn hekk taghmel referenza ghall-applikazzjoni a fol. 20 u l-pjanta a fol. 22.  It-toroq fejn kienu ser isiru x-xogholijiet huma mmarkati bil-kulur ahmar, mentri l-hsarat gew indikati fi Triq l-Ingilterra fil-parti murija bl-isfar, liema parti ma kinitx inkluza fl-applikazzjoni a fol.20.

Id-direttur tas-socjeta' konvenuta, Anthony Cauchi a fol. 30 qal illi huwa gie nkarigat mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Mistoqsi ghaliex Triq l-Ingilterra ma gietx inkluza fil-permessi, a fol. 31 jghid, "…Originarjament il-Kunsill ma kienx ser jghaddi l-*culverts* minn dik it-triq, pero' mbaghad qalilna biex nghaddu minn hemm, fi kwalunkwe kaz ma kienx kompitu tieghi illi ngib il-permess, dan jiehu hsibhom direttur iehor tas-socjeta'." Min kien dan id-direttur ma rrizultax, jibqa' l-fatt biss illi fl-applikazzjoni li tidher a fol. 20 Triq l-Ingilterra mhijiex imsemmija. Quindi ghal kull fnin u effetti tal-ligi x-xogholijiet illi kienu qed jigu effettwati mis-socjeta' konvenuta ma kienux koperti bil-permess necessarju.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Lulju, 1996, fl-ismijiet <u>Anthony Ventura, in rapprezentanza ta' l-Enemalta Corporation vs Raymond Galea Et</u>, il-Qorti kienet qalet illi kemm is-sid kif ukoll in-nies illi kienu qeghdin jahdmu huma responsabbli illi jottjenu l-permessi kollha necessarji u jiehdu l-mizuri kollha biex jassiguraw illi l-*cables* ma jkunux danneggjati. Is-socjeta' attrici ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghal dak li gara. Kienet il-vittma u ma kien hemm l-ebda fattur kontributorju minn naha taghha.

Il-fatt illi s-socjeta' konvenuta kienet qeda tahdem fit-triq minghajr il-permessi necessarji, jitfa' responsabbilta' gravi fuqha. Minkejja illi jista' jaghti l-kaz illi l-*cables* kienu mmarkati, b'daqshekk ma jfissirx illi ser jigu esonerati mir-responsabbilta' illi jahdmu fil-post minghajr ma jkunu koperti bil-permessi necessarji. Il-permess huwa d-dokument ufficjali ghall-awtorizazzjoni tal-partijiet li minnha s-socjeta' konvenuta tista' tiehu l-garanziji necessarji illi dak li ser taffettwa ser ikun skond il-ligi u konformi mar-regolamenti. Billi l-haddiema tas-socjeta' attrici minn jeddhom jekk dan hu verament minnu, immarkaw it-triq, ma jfissirx illi b'daqshekk qed jesoneraw lis-socjeta' konvenuta mir-responsabbilta' inerenti fit-twettieq ta' xogholijiet minghajr permess.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha, illi ladarba dan huwa nieqes, is-socjeta’ konvenuta ma tistax tavvanta pretenzjonijiet minn nuqqas ta’ responsabbilta’ tal-haddiema taghha.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm496) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ hsarat li s-socjeta’ konvenuta kkagunat fuq *cables* appartenenti lis-socjeta’ attrici, fi Triq l-Ingilterra, Naxxar, f’ Lulju, tal-1999.

Bl-isejjez u bl-imgahxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza b’dawn l-aggravji:-

1. L-ewwel Qorti ma setghetx tikkonkludi illi Triq l-Ingilterra, n-Naxxar fejn saru x-xoghlijiet ma kienetx koperta bil-permess. Fir-rigward is-socjeta` appellanti tobbjetta illi l-Qorti nferjuri ma kellhiex tistrieh fuq ix-xhieda ta’ Victor Busuttil prodott mis-socjeta` attrici appellata;

2. Ankorke x-xoghlijiet fit-triq partikolari ma kienux koperti bil-permess b’daqshekk, issostni s-socjeta` appellanti, ma kellux jigi deciz, imbaghad, illi hi kienet responsabbli ghad-danni, anke ghaliex ma rrizultat l-ebda negligenza da parti taghha.

Kwantu ghall-ewwel aggravju l-fatti l-aktar saljenti qed jigu hekk riprodotti, bl-aggunta ta’ certi osservazzjonijiet dwarhom.

1. Mid-dokument a fol 20 jirrizulta li fl-<u>24 ta’ Frar 1999</u> s-socjeta` konvenuta applikat biex tigi konsentita taghmel xoghol ta’ skavar fit-toroq specifici minnha dettaljati. Din l-applikazzjoni u permess relattiv kellu jserviha biex hi tadempixxi l-kuntratt ta’ xoghlijiet lilha konferit mill-Kunsill

Lokali tan-Naxxar. Jigi osservat illi mkien f'dan id-dokument ma tissemma Triq l-Ingilterra.

2. Fil-verita` l-uniku dokument li fiha tissemma din it-triq partikolari hi l-ittra tas-7 ta' Lulju 1999 (fol 47) li l-Kunsill Lokali baghat lill-kumpanija konvenuta biex din tghaddi culverts minn Triq l-Ingilterra. Ix-xhieda ta' Anthony Cauchi, wiehed mid-diretturi tas-socjeta` appellanti tikkonferma dan. Mhux hekk biss in kwantu jkompli jikkonferma wkoll illi ma kienx kompitu tieghu li jgib permess izda ta' direttur iehor tas-socjeta`, li baqa' ma giex prodott biex jixhed.

3. Oltre dan hemm ix-xhieda ta' Victor Busuttil (fol 27) li jkompli jsahhah il-fehma gja estratta mid-dokumenti surreferiti u mid-deposizzjoni tal-imsemmi Anthony Cauchi illi s-socjeta` appellanti ma kellhiex il-permess relattiv biex tezegwixxi xoghlijiet fi Triq l-Ingilterra fejn grat il-hsara fil-cable.

Premessi dawn il-fatti, ghall-argomenti kontenuti fir-rikors tal-appell u sottomessi fid-dibattitu orali, jirrispondu sewwa l-konsiderazzjonijiet zvolti fl-ewwel sentenza, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tammettihom billi mhux sostenuti mill-provi processwali.

L-obbligu tal-applikazzjoni u tal-otteniment tal-permess mhux wiehed kapriccjuz jew sempliciment burokratiku imma hu ta' essenza ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet partikolari. Dan kemm biex tigi evitata hsara lill-proprjeta` ta' terzi kif ukoll ghall-inkolumita` tal-persuni li jkunu qed jaghmlu xoghol riskjuz u ta' perikolu ghalihom u ghall-utenti tat-triq. Is-socjeta` konvenuta kellha ghalhekk b'dover taccerta ruhha fejn kienu l-cables tas-socjeta` attrici qabel ma tibda x-xoghlijiet. Jekk xejn biex tigi assikurata bl-appozitu immarkar fit-triq minn fejn ikunu ghaddejja l-cables midfunin taht l-art. Immarkar dan essenzjali li ried isir mill-impjegati tal-Maltacom u li fil-kaz ta' Triq l-Ingilterra ma setax isir tempestivament ghaliex is-socjeta` appellanti naqset milli tapplika dwarha.

Effettivament, jirrizulta mill-provi illi s-socjeta` appellata ddahlet in xena ex-post facto l-iskavar u l-hsara lilha raportata mill-istess socjeta` appellanti. Ara xhieda ta' Victor Busuttil (fol 27) u ta' Anthony Cauchi (fol 31). In vista ta' dawn il-konsiderandi l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju relattiv ghall-punt tar-responsabilita` ghad-danni, bhala stat ta' fatt gie determinat illi l-hsara giet kagjonata f'Lulju 1999 ghaliex is-socjeta` konvenuta, meta waslet ghal livell tal-konkos, issoktat thaffer, bir-rizultat li l-cable tghaffeg u tbewwaq il-barra fid-direzzjoni tat-trinka. Ara deposizzjoni tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi (fol 33) u r-rapport tieghu a fol 37 fejn ikkonferma dak li kien ivverifika f'Settembru 1999.

F'dan ir-rigward importanti li jigi rilevat illi skond il-kondizzjonijiet generali ghall-ghoti ta' permess ghal skavar stabbiliti mis-socjeta` attrici (ara kopja a fol 23) jinsab stabbilit illi:-

a) the contractor is required to take all the responsibility to take necessary precautions to assure that the underground structure is not damaged (clause 2).

b) the contractor has the full responsibility to use the appropriate excavating equipment which does not cause any damage to this infrastructure (fibre optic cables)(clause 3).

c) the contractor is liable to all damages sustained by the company (clause 7). Dan f'kaz li hu jonqos li jottempera ruhu mal-kondizzjonijiet tal-permess, inter alia, li ma jaghmelx thaffir qabel ma jkollu l-awtorizzazzjoni tas-socjeta` attrici.

Dawn il-kondizzjonijiet huma ben cari u ma jehtiegux spjegazzjoni ulterjuri minn dak li l-kliem stess ifissru.

F'dan l-kaz huwa indubitat illi s-socjeta` attrici appellata ghamlet dak li kien dmir taghha li taghmel. Jigifieri li tipprova l-ezistenza tan-ness kawzali bejn ix-xoghlijiet

ezegwiti mis-socjeta` appellanti u l-event dannuz ghaliha. Minn naha l-ohra s-socjeta` konvenuta appellanti ma ghamletx il-prova pozittiva illi hi adottat kull kura u mizura biex tiskansa d-danni. Evidentement kif jemani mir-rikors tal-appell hi strahet bl-adozzjoni ta' kliem generici fuq il-prova negattiva li ma kkommettiet l-ebda vjolazzjoni tan-normi dettati mil-ligi jew tal-prudenza komuni. Dan ma kienx jibbasta biex iserviha ta' prova liberatorja li twiegeb u taghmel tajjeb ghad-danni. Hi kien jenhtiegilha tiddemostra illi adottat il-mizuri kollha teknikament validi fic-cirkostanzi tal-kaz kompriz l-adoperu ta' dilgenza professjonali, xierqa u accettabbli, fil-kors tal-ezekuzzjoni tax-xogholijiet ta' skavar.

Gja kien gie osservat illi "min jiftah it-triq dan jaghmlu dejjem a riskju tieghu" ("**Carmelo Mallia noe –vs- Andrew Camilleri**', Qorti Kummerc, 16 ta' Gunju 1969). Dan jinghad b'aktar qawwa f'dan il-kaz fejn, kif irrizulta, s-socjeta` konvenuta minn rajjha u minghajr l-ebda permess preventiv qabdet u ghamlet thaffir mhux awtorizzat.

Anke indipendentement pero` minn kwalsiasi permess, il-fatt li l-kuntrattur ikun munit b'tali peremess lanqas ma jista' jezentah mill-htija jekk din fil-fatt tokkorri u l-hsara tavvera ruhha.

Is-socjeta` appellanti targomenta illi s-socjeta` attrici ma gabet l-ebda prova dwar ir-responsabilita` u n-negligenza taghha. Din il-Qorti assolutament ma tistax taccetta dan l-argoment bhala wiehed valevoli. Ma jidherx li hu disputat li l-hsara sehhet u li din avverat fil-kors tax-xoghlijiet intraprizi mill-istess socjeta` appellanti. Lanqas ma jidher li s-socjeta` appellanti ressqet bhala forza liberatorja l-ezimenti tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu.

Bl-invers, tirrizulta da parte tas-socjeta` appellanti vjolazzjoni tad-dover, fuqha mposta mil-ligijiet, tal-procedura li kellha ssegwi qabel ma tibda x-xoghlijiet.

Huwa veru li l-htija trid tigi provata izda jinghataw kazi, u dan hu wiehed minnhom, fejn il-fatti dannuzi jhallu l-

impronta ta' din l-istess htija. Anke allura dan l-aggravju ma jimmeritax li jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------